

Konvenuta: ÖBB-Infrastruktur AG

Domandi preliminari

1. Il-punt 2(a) tal-Anness II tad-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea ⁽¹⁾ għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kategorija "stazzjonijiet tal-passiġġieri, il-binjiet tagħhom u faċilitajiet oħrajn" imsemmija fih tinkludi l-element tal-infrastruttura ferrovjarja "pjattaformi għall-passiġġieri" skont it-tieni inċiż tal-Anness I ta' din id-direttiva?

Fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda:

2. Il-punt 1(c) tal-Anness II tad-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kategorija "l-użu ta' infrastruttura ferrovjarja" msemmija fih tinkludi l-użu tal-pjattaformi għall-passiġġieri skont it-tieni inċiż tal-Anness I ta' din id-direttiva?

⁽¹⁾ ĠU 2012, L 343, p. 32.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Naczelny Sąd Administracyjny (il-Polonja) fit-28 ta' Marzu 2018 – Budimex S.A.

(Kawża C-224/18)

(2018/C 231/13)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Naczelny Sąd Administracyjny

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Budimex S.A.

Konvenut: Minister Finansów

Domanda preliminari

Meta l-partijiet fi tranżazzjoni jkunu qablu li l-ħlas tar-remunerazzjoni dovuta għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni jew ta' installazzjoni huwa suġġett għall-aċċettazzjoni tal-eżekuzzjoni tagħhom mill-persuna li tordna dawn ix-xogħlijiet, espressa fil-kitba formali ta' aċċettazzjoni, għandu jitqies, fil-kuntest ta' tali tranżazzjoni, li l-provvista ta' servizzi twettqet, fis-sens tal-Artikolu 63 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ⁽¹⁾, fil-mument tal-eżekuzzjoni effettiva tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni jew ta' installazzjoni, jew inkella fil-mument tal-aċċettazzjoni tal-eżekuzzjoni ta' dawn ix-xogħlijiet mill-persuna li tordna dawn ix-xogħlijiet espressa fil-kitba formali ta' aċċettazzjoni?

⁽¹⁾ ĠU 2006, L 347, p. 1.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Naczelny Sąd Administracyjny (il-Polonja) fit-28 ta' Marzu 2018 – Grupa Lotos S.A. vs Minister Finansów

(Kawża C-225/18)

(2018/C 231/14)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Naczelny Sąd Administracyjny